**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 20-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Patrick Grima - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-10 ta' Diċembru 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Xogħlijiet fix-Xlendi.
3. Il-Kuntratt dwar il-kiri tal-*kiosk* tax-Xlendi.
4. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
5. Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi.
6. Rapport tas-Sindku.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 19-2015.

**2.00 Xogħlijiet fix-Xlendi.**

2.01 Il-bankina ta' Triq il-Puniċi li kienet qed issir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex tlestiet. Bħalissa l-ħaddiema qed jieħdu l-*vacation leave* u fil-bidu tas-sena l-ġdida ser ikomplu fuq programm ta' bini ta' bankini fix-Xlendi.

2.02 Il-Kumitat qed jistenna ż-żmien tal-appell sabiex hekk kif jiskatta jerġa' jiltaqa' l-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jiddeċiedi dwar is-sejħa għall-offerti tal-kisi tal-passaġġ tax-Xlendi. Dan ix-xogħol ser ikun iffinanzjat mill-fond tal-UIF u jrid ikun lest sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2016.

**3.00 Il-Kuntratt dwar il-kiri tal-*kiosk* tax-Xlendi.**

3.01 Il-Kumitat ippropona lill-HSBC Bank Malta plc sabiex il-kera minn €2,500 jitla' għal €3,650 fis-sena. L-HSBC Bank Malta plc ma aċċettax u l-offerta finali hija ta' żieda ta' 10% fis-sena fuq il-kera ta' qabel. Dan ifisser li l-bank kien lest li jħallas €2,750. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li minn dan l-ammont irid jitħallas il-kera lil-Lands Department li huwa €625.
Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kumitat jaċċetta l-offerta ta' €2,750 fis-sena, iżda s-servizz ta' avukat irid jitħallas mill-Bank.

Il-ħin kien is-5.45 ta' filgħaxija u s-Sinjorina Charmaine Vella talbet li tiġi skużata u ħarġet mil-laqgħa.

**4.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.**

4.01 Il-Kumitat applika għal żewġ skemi, fejn applikazzjoni waħda tikkonsisti fl-attività Ix-Xlendi Spring Festival li ser issir fis-17 t'April 2016 u l-applikazzjoni l-oħra hija l-Kalendarju ta' Attivitajiet għal matul it-tliet xhur tas-sajf.

Issa l-Kumitat qed jistenna informazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn suppost li nieħdu tweġiba sal-aħħar tas-sena.

**5.00 Tiżjin tal-Milied fix-Xlendi.**

5.01 Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat ġie deċiż x'tiżjin ser isir din is-sena fix-Xlendi. It-tiżjin diġà twaħħal u qed jixgħel kif suppost.

**6.00 Rapport tas-Sindku.**

6.01 Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li bħalissa l-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex qegħdin bil-*vacation leave* u l-manutenzjoni tal-bankini huwa wieqaf. Dan ix-xogħol ser jitkompla f'Jannar 2016.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġejna infurmati li s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali flimkien mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ser jestendu l-proġett tal-Wifi Access Points installati f'postijiet pubbliċi bil-għan li jħajru iktar l-użu tal-*internet* fil-lokalitajiet f'żoni barra.
Għalhekk qegħdin jiġu offruti żewġ *access points* oħra lil kull Kunsill Lokali. Dan is-servizz ser ikun imħallas kollu mill-Gvern Ċentrali u mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Il-Kumitat ġie mitlub jindika fejn hu l-aħjar post ta' fejn għandhom jiġu installati dawn l-*access points*, tnejn oħra għal kull lokalità. Fil-laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż li *access point* issir qrib il-Pjazza tal-Knisja u l-oħra issir fit-tarf ta' Triq San Xmun. Il-Kumitat qabel li ssir fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kumitat li hemm *access point* fl-iskall tax-Xlendi u ieħor fi Pjazza l-Anfori.

7.02 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand resident fi Triq ir-Rumani fejn qed tikkumplimenta dwar it-tiżjin tal-Milied li sar fix-Xlendi.

7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien għadu kemm irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kemm ser tkun l-allokazzjoni tal-Kunsill li tinkludi il-Kumitat għas-sena 2016 fejn ser ikun hemm żieda ta' madwar €4,000 mill-allokazzjoni tas-sena 2015. Issa qed nistennew mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali t-tabella tal-allokazzjoni finanzjarja Jannar-Diċembru 2016 għall-Kumitat biss u mqassma skont il-funzjonijiet.

7.04 Il-Kumitat se jitlob sabiex il-*Parking* tax-Xlendi jkun imdawwal aktar u dan wara diversi lmenti li huwa mudlam.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Iċ-*Chairperson* fakkar dwar il-*wires* tad-dawl li kien hemm fil-baxx fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Xi *wires* tranġaw u xi oħrajn għadhom fil-baxx. Huwa ser jieħu r-ritratti biex inkunu ċerti jekk humiex tad-dawl jew xi servizz ieħor.

9.02 Il-Bord dwar l-Aġġudikazzjoni tat-*tender* tal-passaġġ tax-Xlendi ser jiltaqa' fis-6 ta' Jannar 2016. Dan ix-xogħol ser ikun iffinanzjat mill-UIF.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2016, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***